# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU 1446

Kaz Nru 1764

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Diane Bayliss

u

PBG Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 19 ta' Novembru 2003

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie prezentat fis-7 ta' Mejju 2003 mill-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem Diane Bayliss, maghrufha minn issa bhala l-Appellanti. Il-Kumpanija Appellata PBG Ltd, assistita mill-Avukat Aaron Mifsud Bonnici, issottomettiet ir-risposta taghha fit 3 ta' Gunju 2003. Hija kienet rapprezentata minn Lilian Grima, *Assistant General Manager*. Inzammu tmien seduti.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jrid jinghad li minhabba l-gravidanza tal-Appellanti l-partijiet talbu lit-Tribunal biex ikun hemm differiment twil, talba li ntlaqghet mit-Tribunal. Dana jispjega ghaliex il-kaz dam iktar milli titlob il-ligi

## 2. Fatti tal-kaz

L-Appellanti tirritjeni li meta fit-23 ta' Frar 2003 hija kienet giet licenzjata mill-impieg taghha ma' lukanda gestita mill-Kumpanija Appellata ghal ragunijiet ta' allegat *redundancy* dina kienet biss skuza ghaliex il-Kumpanija Appellata riedet tehles minnha peress li kienet tqila u kien fi hsiebha tiehu l-*maternity leave*. Ghaldaqstant tirritjeni li l-licenzjament taghha kien ghal raguni ngusta. Min-naha taghha l-Kumpanija Appellata tirritjeni li l-affarijiet kienu sejrin hazin hafna tant li kienu telqu minn fuq ix-xoghol impjegati ohra u ma kelliex triq ohra hlief li tiddikjara *redundancy* lill-Appellanti, izda offritilha li tibqa tahdem *part time*.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Irid jinghad illi t-Tribunal mhux kompetenti li jisma kazi ta' tkeccija mill-impieg ghal raguni ta' *redundancy*. Madankollu l-istess Tribunal ghandu l-obbligu li jifli l-kaz sabiex jaccerta ruhu li l-licenzjament ikun realment rizultat ta' *redundancy*. Oltre dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jara li jekk kien hemm kaz ta' *redundancy* id-drittijiet residwi tal-impjegat licenzjat ikunu rispettati. Dan ifisser li matul is-sena li tiddekorri mid-data tal-licenzjament il-post vakat ma jkunx gie mimli minn persuni ohra.

Ma hemmx dubju li l-Kumpanija Appellata kienet ghaddejja minn perijodu finanzjarju hazin hafna tant li giet deskritta bhala kwazi falluta u anke bhala *sinking ship*. Kien hemm sensiela ta' rizenji volontarji minn membri tal-istaff li fittxew impieg x'imkien iehor ghax raw is-sitwazzjoni hazina tal-Kumpanija Appellata.

Mill-banda l-ohra kien hemm l-istat fiziku tal-Appellanti li nfurmat lill-Kumpanija bit-tqala taghha u bl-intenzjoni legittima taghha li tiehu l-*maternity leave*. Il-ligi tesigi li impjegata fis-sitwazzjoni taghha ma tistax tigi licenzjata purament ghaliex hija tqila. Fill-fatt il-Kumpanija Appellata ma giebitx din bhala r-raguni. Izda c-cirkostanzi kif graw, per ezempju li l-Appellanti kienet l-ahhar impjegata li kien hemm fid-dipartiment tal-*Accounts*, meta giet licenzjata u l-fatt li riduha tahdem *part time* qanqlet suspett f'mohh l-istess Appellanti li r-raguni ta' *redundancy* kienet biss skuza biex jiffrankaw li jzommuha waqt il-*maternity leave*. Hija tghid ukoll illi offriet li tibqa tahdem mid-dar waqt il-*maternity leave* taghha u jekk hemm bzonn minn zmien ghall-iehor anke tmur fil-post tax-xoghol.

It-Tribunal kien lest li jaghti l-beneficcju tad-dubju lill-Kumpanija Appellata partikolarment minhabba fis-sitwazzjoni li kienet fiha. Izda imbaghad ezamina x'gara wara l-licenzjament tal-Appellanti u l-affarijiet bdew jiccaraw. Mat-tluq tal-Appellanti gie impjegat Charles Gatt, deskritt bhala *Accountant*, izda jirrizulta minghajr kwalifici ghad li kellu esperjenza. It-Tribunal jistaqsi jekk kien hemm bzonn ta' impieg ta' xi hadd biex jissoda l-kamp tal-Accounts, ghaliex dan ma sarx hafna qabel partikolarment meta l-andament tal-Kumpanija Appellata kienet bdiet sejra lura? Imbaghad hemm is-saga, biex wiehed isejhilha hekk, ta' impjegati minghajr ktieb tax-xoghol, impjegati part time, dikjarati jew le. Dana kollu juri li l-allegat *redundancy* ta' Diane Bayliss kien biss sotterfugju biex fis-sitwazzjoni disperata tal-Kumpanija Appellata tiffranka li taghti l-*maternity leave* lill-Appellanti.

It-Tribunal innota wkoll illi fl-ahhar tas-smiegh tal-kaz tqajjmu argumenti li l-Appellanti kienet tant skarsa mix-xoghol li kienet tahli z-zmien billi tibghat *e-mails* b'konnessjoni mall-*hobby* taghha. Ma' dan hemm l-allegazzjoni li kienet tuza hafna t-*telephone* biex tikkuntattja 'l omma. Dawn l-allegazzjonijiet anke jekk pruvati pjuttost idghajjfu l-argument principali tal-Kumpanija Appellata milli jsahhuh. Il-Kumpanija Appellata iccentrat r-raguni ghall-licenzjament ghall-wiehed ta' *redundancy*. Ma giex imqajjem xi kaz ta' *malingering*, jew abbuz minn taghmir tal-Kumpanija Appellata. Anzi jirrizulta li l-Appellanti kienet tajba fix-xoghol taghha, assidwa u tahseb bil-quddiem meta tkun sejra tiehu l-frank u giet imfahhra sahansidra mill-*Managing Director*.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament tal-Appellanti Diane Bayliss mill-Kumpanija Appellata PBG Ltd ma kienx rizultat ta' *redundancy* genwin u ma kienx ghal raguni gusta u sufficjenti.

## 5. Kumpens

Waqt is-smiegh tal-kaz l-Appellanti stqarret li ma kienitx qed titlob *re-engagement* izda biss kumpens. Ghladaqstant it-Tribunal mhux qed jezigi li l-Appellanti terga tkun impjegata mill-gdid mall-Kumpanija Appellata.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-Appellanti mill-Kumpanija Appellata fl-ammont ta' £M 1,500 li minnhom £M1000 iridu jithallsu sa l-ahhar ta' Novembru 2003 u l-bilanc sal-ahhar ta' Dicembru 2003.

B'hekk jintemm il-kaz.

## 6. Drittijiet

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja